**MALTA**

**QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**
**BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**
**MAĠISTRAT DR. GABRIELLA VELLA B.A., LL.D.**

**Każ Nru. 196/2023**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Christina Delia)**
**(Spettur Roderick Attard)**

**Vs**

**Lucianne Cutajar**

**Illum 27 ta' Settembru 2024**

**Il-Qorti,**

Rat l-imputazzjonijiet[1] dedotti fil-konfront ta' **Lucianne Cutajar**, bint Carmel u Carmen neè Bianchi, imwielda fid-19 ta' Lulju 1980 ġewwa l-Pietà u detentriċi tal-Karta ta' l-Identità bin-Numru 387880(M), talli b'diversi atti magħmulin minnha, ukoll jekk fi żminijiet differenti, li jiksru l-istess dispożizzjoni tal-Liġi jew dispożizzjonijiet relatati tal-Liġi, u ġew magħmula b'riżoluzzjoni waħda:

1. Fit-2 ta' Awwissu 2022 f'xi ħin bejn 12:45hrs u 13:00hrs ġewwa l-venda ta' tal-linja, Furjana, ikkommettiet serq ta' ġojjellerija, liema serq huwa aggravat bil-valur li ma jeċċedix elfejn tliet mija disgħa u għoxrin Euro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€2,329.37), u dan għad-detriment ta' Michael Cassar u/jew persuni u/jew entitajiet oħra;

2. Fl-4 ta' Ottubru 2022 f'xi ħin bejn 14:00hrs u 16:00hrs minn ġewwa l-fond 83, Ave Maria, Triq il-Qaliet, Marsascala, ikkommettiet serq ta' ġojjellerija, liema serq huwa aggravat bil-lok, bil-persuna u bil-valur li ma jeċċedix elfejn tliet mija u disgħa u għoxrin Euro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€2,329.37) u dan għad-detriment ta' Mary Formosa, anzjana ta' erbgħa u tmenin (84) sena u/jew persuni u/jew entitajiet oħra;

[1] Fol. 122 u 123 tal-proċess.

3. Fil-25 ta' Frar 2023 f'xi ħin bejn 11:00hrs u 12:00hrs minn ġewwa l-fond 81, Triq il-Kungress Ewkaristiku, Mosta, ikkommettiet serq ta' ġojjellerija, liema serq huwa aggravat bil-lok, bil-persuna u bil-valur li ma jeċċedix elfejn tliet mija u disgħa u għoxrin Euro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€2,392.37), u dan għad-detriment ta' Paolina Vella anzjana ta' sebgħa u tmenin (87) sena u/jew persuni u/jew entitajiet oħra;

4. Fit-3 ta' Marzu 2023 f'xi ħin bejn 10:45hrs u 11:15hrs minn ġewwa l-fond 25, Triq l-Oratorju, Mosta, ikkommettiet serq ta' ġojjellerija, liema serq huwa aggravat bil-lok, bil-persuna u bil-valur li ma jeċċedix elfejn tliet mija disgħa u għoxrin Euro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€2,329.37), u dan għad-detriment ta' Maria Dolores Borg, anzjana ta' ħamsa u tmenin (85) sena u/jew persuni u/jew entitajiet oħra;

5. Fit-8 ta' Marzu 2023 f'xi ħin bejn 12:00hrs u 13:00hrs ġewwa l-venda ta' tal-linja, Furjana, bil-ħsieb li tagħmel delitt wriet dan il-ħsieb b'atti esterni u tat bidu għall-esekuzzjoni tad-delitt, liema delitt ma ġiex esegwit minħabba xi ħaġa aċċidentali w indipendenti mill-volontà tagħha, u li kieku ġie esegwit kien ikun delitt ta' serq aggravat bil-valur, li ma jeċċedix l-elfejn tliet mija disgħa u għoxrin Euro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€2,329.37), u dan għad-detriment ta' Peter Michael Batchelor, anzjan ta' ħamsa u sebgħin (75) sena u/jew persuni u/jew entatjiet oħra;

U aktar talli:

6. Fix-xahar ta' Awwissu 2022 kisret il-provvedimenti ta' sentenza sospiża mogħtija fil-konfront tagħha b'sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta), Maġistrat Dr. C. Galea LL.D. datata 31 ta' Awwissu 2019, liema sentenza saret definittiva u ma tistax tinbidel;

Rat it-talbiet tal-Prosekuzzjoni sabiex il-Qorti: (i) tittratta ma' Lucianne Cutajar bħala reċidiva ai termini ta' l-Artikoli 49, 50 u 289 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta u dan b'diversi sentenzi tal-Qrati Maltin, liema sentenzi saru definittivi u ma jistgħux jinbidlu; (ii) f'każ ta' ħtija għar-reati imsemmija u jekk jidhrilha xieraq, tordna lil Lucianne Cutajar sabiex tirrestitwixxi lill-parti offiża kull ħaġa minnha misruqa jew li hi xjentement laqgħet għandha b'riċettazzjoni jew akkwistat bi frodi jew qligħ ieħor kontra l-Liġi bi ħsara ta' dik il-parti bi jew permezz tar-reat, jew li tħallas lil dik il-parti ammont ta' flus kif jista' jiġi stabbilit mill-Qorti bħala kumpens għal dak it-telf kif imsemmi jew għal xi danni jew offiża jew ħsara oħra ai termini ta' l-Artikolu 15A tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta; (iii) f'każ ta' ħtija, minbarra li tinfliġġi l-pieni stabbiliti mil-Liġi, tordna lil Lucianne Cutajar sabiex tħallas l-ispejjeż li għandhom x'jaqsmu mal-ħatra ta' Esperti, jekk ikun il-każ, kif provdut fl-Artikolu 533 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta;

Rat id-dokument markat Dok. "CDX" a fol. 127 sa' 132 tal-proċess;

Rat id-dokumenti, fosthom il-Kunsens ta' l-Avukat Ġenerali ai termini ta' l-Artikolu 370(4) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta, markati Dok. "CD1" sa' Dok. "CD4" a fol. 11 sa' 16 tal-proċess;

Rat li l-imputata ddikjarat li ma għandhiex oġġezzjoni li l-każ tagħha jiġi trattat bi proċedura sommarja u wieġbet li ma hijiex ħatja ta' l-imputazzjonijiet dedotti fil-konfront tagħha[2];

Semgħet ix-xhieda ta' l-Uffiċjal tal-Probation Joanna Farrugia mogħtija waqt is-seduti ta' l-20 ta' Marzu 2023[3], ta' l-4 ta' Diċembru 2023[4], tat-2 ta' Lulju 2024[5] u tat-23 ta' Lulju 2024[6] u rat is-Social Inquiry Report u s-Social Inquiry Report Aġġornat minnha mħejjija fil-konfront ta' l-imputata markati Dok. "JF" a fol. 31 sa' 60 tal-proċess u Dok. "JFX" a fol. 257 sa' 276 tal-proċess, semgħet ix-xhieda ta' Michael Cassar mogħtija waqt is-seduta ta' l-20 ta' Marzu 2023[7] u x-xhieda ta' l-Ispettur Christina Delia mogħtija waqt is-seduti ta' l-20 ta' Marzu 2023[8] u tal-15 ta' Ġunju 2023[9] u rat id-dokumenti esebiti minnha markati Dok. "CD5" sa' Dok. "CD12" a fol. 71 sa' 82 tal-proċess u Dok. "CDY" a fol. 175 sa' 177 tal-proċess, semgħet ix-xhieda ta' Polly Vella[10], ta' Maria Dolores Borg[11], ta' Annunziato Borg[12] u ta' Mary Formosa[13] mogħtija waqt is-seduta tat-28 ta' Marzu 2023 u x-xhieda ta' PC2378 Christie Sciberras[14] mogħtija waqt is-seduta tat-13 ta' April 2023 u rat id-dokumenti esebiti minnha markati Dok. "CS1" sa' Dok. "CS9" - Dok. "CS1" sa' Dok. "CS6" - Esebit Nru. KA183 /2023 u Dok. "CS7" sa' Dok. "CS9" a fol. 104a sa' 106 tal-proċess, semgħet ix-xhieda ta' Peter Michael Batchelor[15], ta' Graziella Mifsud[16], ta' Stephen Debono[17] u ta' Lawrence Pace[18] mogħtija waqt is-seduta tas-26 ta' April 2023 u x-xhieda ta' l-Ispettur Rodercik Attard[19], ta' PC626 Giancarlo Benetti[20] u ta' PC355 Charlo Chircop[21] mogħtija waqt is-seduta tal-11 ta' Mejju 2023 u rat id-dokumenti esebiti minn PC355 Charlo Chircop markati Dok. "CC1" u Dok. "CC2" a

---

[2] Fol. 126 tal-proċess.

[3] Fol. 27 sa' 30 tal-proċess.

[4] Fol. 252 sa' 256 tal-proċess.

[5] Fol. 297 u 298 tal-proċess.

[6] Fol. 303 u 304 tal-proċess.

[7] Fol. 61 sa' 64 tal-proċess.

[8] Fol. 65 sa' 70 tal-proċess.

[9] Fol. 174 tal-proċess.

[10] Fol. 85 sa' 88 tal-proċess.

[11] Fol. 89 sa' 91 tal-proċess.

[12] Fol. 92 u 93 tal-proċess.

[13] Fol. 94 sa' 98 tal-proċess.

[14] Fol. 100 sa' 104 tal-proċess.

[15] Fol. 133 sa' 135 tal-proċess.

[16] Fol. 136 sa' 138 tal-proċess.

[17] Fol. 139 sa' 141 tal-proċess.

[18] Fol. 142 sa' 144 tal-proċess.

[19] Fol. 154 sa' 156 tal-proċess.

[20] Fol. 157 sa' 159 tal-proċess.

[21] Fol. 160 sa' 162 tal-proċess.

fol. 163 tal-proċess, semgħet ix-xhieda ta' PS1470 Joseph Mallia[22], ta' PS217 Italo Mizzi[23] u ta' Charmaine Zammit[24], in rappreżentanza ta' Epic Communications Limited, mogħtija waqt is-seduta tal-15 ta' Ġunju 2023 u rat id-dokumenti esebiti minn PS1470 Joseph Mallia markat Dok. "JM" a fol. 180 sa' 185 tal-proċess, minn PS217 Italo Mizzi markat Dok. "IM" a fol. 188 sa' 192 tal-proċess u minn Charmaine Zammit markat Dok. "CZ" a fol. 194 tal-proċess, semgħet ix-xhieda ta' PC2384 Christine Penza[25], ta' Stephania Calafato Testa[26], Assistent Reġistratur Qrati Kriminali u Tribunali, ta' PC38 Shania Falzon[27] u ta' PC1328 Neil Griffin[28] mogħtija waqt is-seduta tat-3 ta' Lulju 2023 u rat id-dokumenti esebiti minn PC2384 Christine Penza markat Dok. "CD" a fol. 203 sa' 207 tal-proċess, minn PC38 Shania Falzon markat Dok. "SF" a fol. 211 sa' 216 tal-proċess u minn PC1328 Neil Griffin markat Dok. "NG" a fol. 219 sa' 223 tal-proċess, semgħet ix-xhieda ta' l-Uffiċjal Ċivili Matthew Galea u ta' PS1331 Darren Debattista mogħtija waqt is-seduta ta' l-20 ta' Lulju 2023[29] u rat ir-Rapport konġunt tagħhom markat Dok. "DD" a fol. 243 sa' 247 tal-proċess,

Rat ir-Rapporti ta' Andament ta' l-imputata ppreżentati mill-Uffiċjal tal-Probation Joanna Farrugia fit-18 ta' Jannar 2024[30], tat-22 ta' Mejju 2024[31] u tat-23 ta' Settembru 2024;

Rat illi waqt is-seduta tat-22 ta' Frar 2024[32], l-imputata ħallset lil Michael Cassar is-somma ta' €500 a saldu tal-valur tal-ġojjellerija misruqa lilu u l-istess Michael Cassar, aċċettanti, iddikjara li ma għandux iktar pretensjonijiet fil-konfront ta' l-imputata;

Rat li fis-seduta tal-21 ta' Mejju 2024[33], l-Ispettur Christina Delia ddikjarat li rċeviet mingħand l-imputata s-somma ta' €1,250 li hija in segwitu għaddiet il-valuri relattivi lil Paolina Vella, Mary Formosa u Maria Dolores Borg skond riċevuti minnha esebiti a fol. 290 sa' 293 tal-proċess;

Rat li fis-seduta tat-23 ta' Lulju 2024, il-Prosekuzzjoni u d-Difiża qablu li l-kawża tista' tibqa' għas-sentenza;

Rat l-atti kollha tal-kawża;

---

[22] Fol. 178 u 179 tal-proċess.

[23] Fol. 186 u 187 tal-proċess.

[24] Fol. 193 tal-proċess.

[25] Fol. 202 tal-proċess.

[26] Fol. 208 tal-proċess.

[27] Fol. 209 u 210 tal-proċess.

[28] Fol. 217 u 218 tal-proċess.

[29] Fol. 241 u 242 tal-proċess.

[30] Fol. 279 sa' 286 tal-proċess.

[31] Fol. 294 u 295 tal-proċess.

[32] Fol. 287 tal-proċess.

[33] Fol. 289 tal-proċess.

**Ikkunsidrat:**

L-imputata qed tiġi mixlija talli b'diversi atti magħmulin minnha, ukoll jekk fi żminijiet differenti, li jiksru l-istess dispożizzjoni tal-Liġi jew dispożizzjonijiet relatati tal-Liġi, u ġew magħmula b'riżoluzzjoni waħda: (1) Fit-2 ta' Awwissu 2022 f'xi ħin bejn 12:45hrs u 13:00hrs ġewwa l-venda ta' tal-linja, Furjana, ikkommettiet serq ta' ġojjellerija, liema serq huwa aggravat bil-valur li ma jeċċedix €2,329.37, u dan għad-detriment ta' Michael Cassar u/jew persuni u/jew entitajiet oħra; (2) Fl-4 ta' Ottubru 2022 f'xi ħin bejn 14:00hrs u 16:00hrs minn ġewwa l-fond 83, Ave Maria, Triq il-Qaliet, Marsascala, ikkommettiet serq ta' ġojjellerija, liema serq huwa aggravat bil-lok, bil-persuna u bil-valur li ma jeċċedix €2,329.37 u dan għad-detriment ta' Mary Formosa, anzjana ta' erbgħa u tmenin (84) sena u/jew persuni u/jew entitajiet oħra; (3) Fil-25 ta' Frar 2023 f'xi ħin bejn 11:00hrs u 12:00hrs minn ġewwa l-fond 81, Triq il-Kungress Ewkaristiku, Mosta, ikkommettiet serq ta' ġojjellerija, liema serq huwa aggravat bil-lok, bil-persuna u bil-valur li ma jeċċedix €2,392.37, u dan għad-detriment ta' Paolina Vella anzjana ta' sebgħa u tmenin (87) sena u/jew persuni u/jew entitajiet oħra; (4) Fit-3 ta' Marzu 2023 f'xi ħin bejn 10:45hrs u 11:15hrs minn ġewwa l-fond 25, Triq l-Oratorju, Mosta, ikkommettiet serq ta' ġojjellerija, liema serq huwa aggravat bil-lok, bil-persuna u bil-valur li ma jeċċedix €2,329.37, u dan għad-detriment ta' Maria Dolores Borg, anzjana ta' ħamsa u tmenin (85) sena u/jew persuni u/jew entitajiet oħra; (5) Fit-8 ta' Marzu 2023 f'xi ħin bejn 12:00hrs u 13:00hrs ġewwa l-venda ta' tal-linja, Furjana, bil-ħsieb li tagħmel delitt wriet dan il-ħsieb b'atti esterni u tat bidu għall-esekuzzjoni tad-delitt, liema delitt ma ġiex esegwit minħabba xi ħaġa aċċidentali w indipendenti mill-volontà tagħha, u li kieku ġie esegwit kien ikun delitt ta' serq aggravat bil-valur, li ma jeċċedix €2,329.37, u dan għad-detriment ta' Peter Michael Batchelor, anzjan ta' ħamsa u sebgħin (75) sena u/jew persuni u/jew entatjiet oħra; U aktar talli: (6) Fix-xahar ta' Awwissu 2022 kisret il-provvedimenti ta' sentenza sospiża mogħtija fil-konfront tagħha b'sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta), Maġistrat Dr. C. Galea LL.D. datata 31 ta' Awwissu 2019, liema sentenza saret definittiva u ma tistax tinbidel.

Hija ddikjarat li ma hijiex ħatja ta' l-imputazzjonijiet dedotti fil-konfront tagħha.

**Provi:**

L-**Ispettur Christina Delia**[34] xehdet illi fis-26 ta' Frar 2023 il-Pulizija ta' l-Għassa tal-Mosta rċevew rapport mingħand Paulina Vella, detentriċi tal-Karta ta' l-Identità bin-Numru 469735(M), fejn stqarret illi fil-25 ta' Frar 2023 bejn il-11:00a.m. u l-12:00p.m., kienet marret persuna femminili fid-dar tagħha Nru. 81, Triq il-Kungress Ewkaristiku, Mosta, u minn hemm serqitilha ġiżirana. L-Ispettur Delia ddikjarat li Paulina Vella rrappurtat illi *din il-persuna kienet ħabtitilha sabiex tuża l-kamra tal-banju u din is-Sinjura kienet ħallietha tidħol ġewwa r-residenza. Hi stqarret illi wara li din is-sinjura femminili kienet użat il-kamra tal-banju, hi kienet bdiet tistaqsiha sabiex titla' fis-sular ta' fuq tar-residenza u s-Sinjura*

[34] Xhieda mogħtija waqt is-seduta ta' l-20 ta' Marzu 2023, fol. 65 sa' 70 tal-proċess.

*qaltilha sabiex ma tagħmilx dan iżda l-istess persuna kienet telgħet fuq u għamlet madwar ħmistax-il minuta. Il-vittma kienet stqarret li hi ma kinitx telgħat fuq minħabba l-fatt illi kellha problema sabiex timxi. Hi kienet stqarret ukoll illi wara li niżlet minn fuq, is-sinjura kienet talbitha tazza ilma. Kienet stqarret ukoll illi waqt li kienet ġor-residenza, kienet bdiet tistaqsiha fuq id-deheb li kellha u l-vittma dak il-ħin kellha ċurkett tar-raġel tagħha kif ukoll il-ġiżirana tad-deheb li kienet tefgħathom f'tazza għaliex bidet tissusspetta ħażin fl-istess persuna. Hi stqarret illi din il-persuna, wara li ħadet l-ilma, kienet telqet minn ġewwa r-residenza tagħha u hekk kif telqet, hi kienet marret sabiex tiċċekkja d-deheb u indunat illi kellha l-ġiżirana nieqsa minn ġewwa t-tazza. Mal-Pulizija hija kienet tat ukoll deskrizzjoni ta' din il-persuna fejn kienet stqarret illi kienet persuna li ma tantx kienet twila, kellha xagħarha iswed u kellha d-dwiefer li hi ddeskriviethom bħala tal-moda.*

In segwitu għar-rapport ta' Paulina Vella l-Pulizija bdew bl-investigazzjonijiet taghom u fil-kors ta' dawn l-investigazzjonijiet, senjatament fit-3 ta' Marzu 2023, daħal rapport ieħor ġewwa l-Għassa tal-Mosta minn Maria Dolores Borg, detentriċi tal-Karta ta' l-Identità bin-Numru 287037(M), illi wkoll stqarret li dakinhar stess bejn l-10:45a.m. u l-11:15a.m., persuna femminili kienet serqitilha ġiżirana minn ġewwa r-residenza tagħha Nru. 25, Triq l-Oratorju, Mosta.

Fir-rigward ta' dan ir-rapport l-Ispettur Delia ddikjarat *is-Sinjura Borg kienet stqarret illi l-persuna femminili kienet ratha qiegħda tistkenn barra peress illi dak il-ħin kienet nieżla x-xita u kienet tħassritha u staqsietha jekk tixtieqx tidħol ġewwa sabiex tistkenn mix-xita. Hi stqarret illi din il-persuna kienet daħlet ġewwa r-residenza u waqt li kienet qiegħda hemmhekk, kienet marret fil-kċina sabiex tagħmlilha kafè. Stqarret illi hekk kif kienet sejra lura bil-kafè, indunat illi din il-persuna kienet telgħet fuq fir-residenza tagħha u x'ħin staqsietha x'telgħet tagħmel, din il-mara kienet qaltilha illi kienet telgħet sabiex tati titwila fuq. Hi stqarret illi wara li din il-persuna kienet ħadet il-kafè, kienet telqet minn ġewwa r-residenza tagħha, x'ħin kienet se titlaq mir-residenza kien wasal it-tifel tagħha, is-Sur Annunziato Borg. Kienet stqarret illi dak il-ħin kienet qalet lit-tifel tagħha u minnufih kienu telgħu fuq sabiex jaraw x'kienet telgħet tagħmel fuq. Kif telgħu fl-ewwel kamra tas-sodda li tinsab eżattament kif titla' t-taraġ għall-ewwel sular, kienu ndunaw illi kien hemm ġiżirana illi kienet qiegħda mdendla ma' statwa tal-Madonna f'niċċa li kienet nieqsa minn ġewwa l-istess residenza. ... il-vittma stess tat id-deskrizzjoni ta' l-istess persuna li kienet daħlet li fil-fatt kienet waħda simili tad-deskrizzjoni mogħtija mis-Sinjura li kienet għamlet ir-rapport qabel.*

Minn CCTVs eżaminati mill-Pulizija rriżulta li din il-persuna femminili involuta f'dawn iż-żewġ każijiet kienet l-imputata Lucianne Cutajar. Il-Pulizija talbu wkoll *localisation* tan-numru tal-mobile ta' l-imputata - 99115851 - u mill-istess irriżulta li fid-dati u l-ħinijiet tas-serqiet li ġew irrappurtati, hija kienet tinsab il-Mosta. Saru verifiki ma' rapporti oħra li seta' kellhom l-istess tip ta' *modus operandi* u rriżulta li fl-4 ta' Ottubru 2022 kien hemm serqa oħra fuq persuna anzjana minn ġewwa r-residenza tagħha Nru.89, Ave Maria, Triq il-Qaliet, Marsascala. Fir-rigward ta' dan ir-rapport l-Ispettur Delia ddikjarat li *s-Sinjura, l-istess, kienet stqarret illi din il-*

*mara femminili kienet talbitha sabiex tidħol tuża l-bathroom u wara li kienet telqet kienet indunat illi kien insterqilha ċurkett minn ġewwa r-residenza tagħha.*

A bażi ta' din l-informazzjoni, fit-8 ta' Marzu 2023, l-Ispettur Delia talbet u ottjeniet Mandat ta' Arrest fil-konfront ta' l-imputata. Dakinhar stess hija ġiet infurmata minn PC626 Benetti, stazzjonat l-Għassa tal-Belt, illi persuna femminili bid-deskrizzjoni ta' l-imputata kienet dak il-ħin qed iddur fil-venda tal-Furjana. L-Ispettur Delia tat struzzjonijiet sabiex iżommu għajnejhom fuq l-imputata sakemm jaslu l-Pulizija bil-Mandat. Sakemm PS1404 Dale Cassar u PC2378 Kristie Sciberras kienu għadhom fi triqithom, PC626 reġa' kkomunika ma' l-Ispettur Delia li l-imputata kienet ġiet arrestata minnhom għaliex waqt li huma kienu qed isegwuwha, ċertu Peter Michael Batchelor kien infurmahom li l-imputata ppruvat tisraqlu ġiżirana minn fuqu. In segwitu għall-arrest ta' l-imputata, PC626 informa lill-Ispettur Delia li l-imputata setgħet ukoll kienet involuta f'serqa a dannu ta' ċertu Michael Cassar fit-2 ta' Awwissu 2022. Waqt tfittxija li saret fir-residenza ta' l-imputat ġewwa Alfcons Court, Flat 13, Triq Misraħ il-Barrieri, Msida, kienu nstabu u ġew elevati diversi affarijiet fosthom flus kontanti kif ukoll il-ħwejjeġ li kienet liebsa fil-filmati tas-serqiet. Wara li ġiet arrestata, l-imputata nfurmat lill-Pulizija illi hija kienet biegħet id-deheb ġewwa żewġt iħwienet, Solid Gold ġewwa Tas-Sliema u Debono Jewellers ġewwa l-Ħamrun.

L-imputata rrilaxxat stqarrija lill-Pulizija fejn ammettiet is-serqa fil-konfront ta' Maria Dolores Borg, iżda ċaħdet is-serqa fil-konfront ta' Michael Cassar u minflok iddikjarat li huma kienu f'relazzjoni flimkien. In kwantu rigwarda s-serqa minn Marsascala, għall-ewwel caħdet li daħlet fir-residenza iżda imbagħad ammettiet li kienet daħlet hemm ġew iżda stqarret li ma serqet xejn. Fir-rigward ta' Paulina Vella, l-imputata allegat li din il-mara kienet tbati bid-dementia u bħala fatt il-ġiżirana in kwistjoni kienet tagħthiela bħala rigal. Għall-inċident li seħħ fit-3 ta' Marzu 2023, l-imputata stqarret li hija ma kienet serqet l-ebda ġżirana mingħand ħadd u li l-ġiżirana li sabulha fil-baskett dakinhar kienet tagħha stess.

L-Ispettur Delia ppreżentat, fost affarijiet oħra, riċevuti maħruġa minn Solid Gold u minn Debono Jewellers fir-rigward tad-deheb li nbiegħ lilhom minn Lucianne Cutajar u fir-rigward ta' ġiżirana minnhom, peress li kienet għadha ma ġietx imdewba, ingħatat minn Solid Gold lill-Pulizija - Dok. "CD6" sa' Dok. "CD9" a fol. 72 sa' 79 tal-proċess. L-Ispettur ippreżentat ukoll estratti miċ-ċertifikati tat-twelid ta' Maria Dolores Borg, Paulina Vella u Mary Formosa - Dok. "CD10" sa' Dok. "CD12" a fol. 80 sa' 82 tal-proċess. Fis-seduta tal-15 ta' Ġunju 2023[35], l-Ispettur Delia ppreżentat sentenza fl-ismijiet "Il-Pulizija v. Lucianne Pace" pronunċjata mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali fil-31 ta' Awwissu 2019 - Dok. "CDY" a fol. 175 sa' 177 tal-proċess.

L-**Ispettur Roderick Attard**[36] ikkonferma dak dikjarat mill-Ispettur Christina Delia fir-rigward tar-rapporti da parte ta' Paulina Vella u ta' Maria Dolores Borg, u

[35] Fol. 174 tal-proċess.

[36] Xhieda mogħtija waqt is-seduta tal-11 ta' Mejju 2023, fol. 154 sa' 156 tal-proċess.

li eventwalment l-imputata ġiet arrestata w interrogata mill-Pulizija, fejn hija bdiet iġġib diversi skużi biex tiġġustifika l-aġir tagħha.

**PC2378 Christie Sciberras**[37] ukoll ikkonfermat dak dikjarat mill-Ispettur Christina Delia fir-rigward tar-rapport li sar fl-Għassa tal-Mosta fit-3 ta' Marzu 2023 u kkonfermat ukoll dak li ġara meta hi u PS1404 Dale Cassar kienu sejrin il-Furjana biex jarrestaw lill-imputata a bażi tal-Mandat ta' Arrest maħruġ fil-konfront tagħha. Iddikjarat ulterjorment li minn filmati ta' CCTV cameras li nġabru mill-Pulizija, kienet tidher l-imputata tħabbat diversi bibien fl-istess triq fir-rigward tar-rapport tat-3 ta' Marzu 2023. PC2378 stqarret ulterjorment illi meta hi u PS1404 Dale Cassar waslu l-Furjana taw il-Mandat ta' Arrest lill-imputata, ġiet infurmata bl-arrest tagħha u ħaduha fir-residenza tagħha ġewwa l-Imsida biex issir tfittxija. L-imsemmija Kuntistabbli ddikjarat *Lucianne bdiet tibki, qaltilna illi iddispjaċiha ħafna ta li għamlet u li kienet lesta li tati lill-anzjani l-flus tad-deheb illi kienet serqet. Kif dħalna fid-dar tagħha għednielha x'konna qegħdin infittxu u minn jeddha tatna l-ħwejjeġ li kienet liebsa dakinhar tas-serqa tal-Mosta tat-3 ta' Marzu, flokk iswed, hoodie u qalziet iswed ta' l-Adidas, il-papoċċ illi kienet liebsa, tatna l-handbag ukoll illi kienet bih kif ukoll tatna l-flus illi kienet ġabret mid-deheb. Id-deheb qaltilna li kienet begħhitu ġo ħanut fil-Ħamrun u ġo ħanut f'Tas-Sliema.*

PC2378 Christie Sciberras ippreżentat l-affarijiet li ġew elevati fil-kors tat-tfittxija fir-residenza ta' l-imputata kif ukoll il-mobile tagħha - Dok. "CS" sa' Dok. "C6"[38] - kif ukoll il-filmati minn CCTV cameras minn Triq Sant' Anna, Triq it-Torri u Triq l-Oratorju - Dok. "CS7" sa' Dok. "CS9" a fol. 104a sa' 106 tal-proċess.

**PC626 Giancarlo Benetti**[39] u **PC355 Charlo Chircop**[40] ikkonfermaw dak kollu dikjarat mill-Ispettur Christina Delia fir-rigward tar-rapport li kien sar minn Michael Cassar fit-2 ta' Awwissu 2022 kif ukoll fir-rigward ta' l-identifikazzjoni u arrest ta' l-imputata mill-venda tal-linja ġewwa l-Furjana fit-8 ta' Marzu 2023. Entrambe l-imsemmija uffiċjali tal-Pulizija kkonfermaw li l-persuna li identifikaw in konnessjoni mar-rapport ta' Michael Cassar u li eventwalment arrestaw fit-8 ta' Marzu 2023, hija l-imputata. PC355 Charlo Chirop ippreżenta wkoll filmati ta' CCTV cameras li a bażi tagħhom mexxew l-investigazzjonijiet tagħhom kif ukoll ritratti f'forma diġitali - Dok. "CC1" u Dok. "CC2" a fol. 163 tal-proċess.

**PS1470 Joseph Mallia**[41] kkonferma li fit-2 ta' Awwissu 2022 Michael Cassar għamel rapport ġewwa l-Għassa tal-Belt dwar serq ta' ġiżirana mill-venda tal-Furjana. Ippreżenta r-rapport in kwistjoni markat Dok. "JM" a fol. 180 sa' 185 tal-proċess. **PS219 Italo Mizzi**[42] kkonferma li fis-26 ta' Frar 2023 Pauline Vella

[37] Xhieda mogħtija waqt is-seduta tat-13 ta' April 2023, fol. 100 sa' 104 tal-proċess.

[38] Esebit Nru. KA183/2023.

[39] Xhieda mogħtija waqt is-seduta tal-11 ta' Mejju 2023, fol. 157 sa' 159 tal-proċess.

[40] Xhieda mogħtija waqt is-seduta tal-11 ta' Mejju 2023, fol. 160 sa' 162 tal-proċess.

[41] Xhieda mogħtija waqt is-seduta tal-15 ta' Ġunju 2023, fol. 178 u 179 tal-proċess.

[42] Xhieda mogħtija waqt is-seduta tal-15 ta' Ġunju 2023, fol. 186 u 187 tal-porċess.

għamlet rapport ġewwa l-Għassa tal-Mosta dwar serq ta' ġiżirana mid-dar tagħha. Ippreżenta r-rapport in kwistjoni markat Dok. "IM" a fol. 188 sa' 192 tal-proċess.

**PC2384 Christine Penza**[43] kkonfermat li fit-3 ta' Marzu 2023 Maria Dolores Borg għamlet rapport ġewwa l-Għassa tal-Mosta. Ippreżentat ir-rapport in kwistjoni markat Dok. "CP" a fol. 203 sa' 207 tal-proċess. **PC38 Shania Falzon**[44] ikkonfermat li fit-8 ta' Marzu 2023 Peter Michael Batchelor għamel rapport ġewwa l-Għassa tal-Belt dwar attentat ta' serq. Ippreżentat ir-rapport relattiv markat Dok. "SF" a fol. 211 sa' 216 tal-proċess. **PC1328 Neil Griffin**[45] ikkonferma li fil-5 ta' Ottubru 2022 Mary Formosa għamlet rapport ġewwa l-Għassa ta' Ħaż-Żabbar u ippreżenta r-rapport relattiv - Dok. "NG" a fol. 219 sa' 223 tal-proċess.

**PS1331 Darren Debattista** u l-**Uffiċjal Ċivili Matthew Galea**[46] xehdu li ġew inkarigati mill-Ispettur Roderick Attard sabiex jieħdu ritratti u jagħmlu eżamijiet għall-impronti diġitali fil-fond 81, Triq il-Kungress Ewkaristiku, Mosta, relattivament għal serqa li ġiet rapportata fis-26 ta' Frar 2023. Huma ppreżentaw ir-Relazzjoni tagħhom markata Dok. "DD" a fol. 243 sa' 247 tal-proċess.

**Charmaine Zammit**[47], in rappreżentanza ta' Epic Communications Limited, ippreżentat *call & SMS profile* u *internet data* għall-perijodu mill-1 ta' Awwissu 2022 sal-5 ta' Marzu 2023 tan-numru tal-mobile 99115851 - Dok. "CZ" a fol. 194 tal-proċess.

**Stephania Calafato Testa**[48], Assistent Reġistratur Qrati Kriminali u Tribunali, ikkonfermat li ma kienx hemm appell mis-sentenza fl-ismijiet "Il-Pulizija v. Lucianne Pace" deċiża mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali fil-31 ta' Awwissu 2019 u kkonfermat ukoll li ma hemmx multi reġistrati fuq l-imputata.

**Michael Cassar**[49], wieħed mill-allegati vittmi f'dawn il-proċeduri, xehed illi fit-2 ta' Awwissu 2022 huwa kien għamel rapport tal-Għassa tal-Belt għaliex safa' misruq. Huwa stqarr li *jiena ltqajt ma' din, waqqgħatni fejn waqqgħatni, m'għandix bżonn niċċara d-diskors u qaltli biex immur magħha u jiena għidtilha fejn, qaltli "ejja immorru nagħmlu s-sess" u għidtilha "dawn l-affarijiet qatt ma għamilthom jien". Hi abbużat bija bħala sess u serqitli l-ġiżirana tad-deheb li tiswa 'l fuq minn 200, kelli salib, kelli domna, kelli għajn u kelli qalb*. Stqarr ukoll illi huwa kien poġġa din il-ġiżirana fil-but u din il-mara li avviċinatu serqitielu mill-but. Mistoqsi jekk jagħrafx min kienet din il-persuna, Michael Cassar bla ebda eżitazzjoni ta' xejn wieġeb li din il-mara kienet l-imputata.

---

[43] Xhieda mogħtija waqt is-seduta tat-3 ta' Lulju 2023, fol. 202 tal-proċess.

[44] Xhieda mogħtija waqt is-seduta tat-3 ta' Lulju 2023, fol. 209 u 210 tal-proċess.

[45] Xhieda mogħtija waqt is-seduta tat-3 ta' Lulju 2023, fol. 217 u 218 tal-proċess.

[46] Xhieda mogħtija waqt is-seduta ta' l-20 ta' Lulju 2023, fol. 241 u 242 tal-proċess.

[47] Xhieda mogħtija waqt is-seduta tal-15 ta' Ġunju 2023, fol. 193 tal-proċess.

[48] Xhieda mogħtija waqt is-seduta tat-3 ta' Lulju 2023, fol. 208 tal-proċess.

[49] Xhieda mogħtija waqt is-seduta ta' l-20 ta' Marzu 2023, fol. 61 sa' 64 tal-proċess.

**Polly Vella**[50], allegata vittma oħra f'dawn il-proċeduri, xehdet illi kienet għamlet rapport mal-Pulizija għaliex persuna femminili kienet ħabtitilha mal-bieb tad-dar u talbitha tidħol biex tuża l-kamra tal-banju. Vella daħlitha w urietha fejn hi l-kamra tal-banju u, xehdet ulterjorment, *qaltli "inti miżżewġa?" Għedtilha li jien miżżewġa imma r-raġel m'għadux miegħi miskin u għidiltha "u int?" u qaltli "le, jiena waħdi ukoll". Imbagħad staqsietni jekk għandix xi ħaġa tifkira tar-raġel u għedtilha "għandi xi ħaġa, għandi ċurkett" u qaltli biex tarah u jiena ġibtulha biex tarah dan iċ-ċurkett. Ġibtulha, imbagħad qamet u morna ħdejn il-gradenza biex nuriha choker għax kelli choker u qaltli "din ma tiġikx, mhux tajba għalik" u għidtilha "ħallih hemm imbagħad naraw". Imbagħad staqsejtha jekk tridx drink u qaltli li riedet u għamiltilha naqra 7Up. Imbagħad ic-choker ħaditu għax ma kienx hemmhekk. ... Ħadet x'tixrob imbagħad qaltli "kemm għandek sabiħ" u qaltli li se titla' fuq u jien għidtilha "x'tiela' tagħmel fuq? Mhux isfel trid toqgħod?" u qaltli "le, ħa nitla' fuq" u telgħet fuq. Bdejt nisma' l-passi taż-żarbun u hekk u għajjattilha u għidtilha "kemm se ddum fuq" u għidtilha biex tinżel u qaltli "iva, issa ninżel". Niżlet u x'ħin niżlet* għanqet li Vella u telqet il-barra. ... *ittawwaltilha biex nara fejn hi miexja, imbagħad għidt ħa nara jekk għadhiex hemm ic-choker u mort niġri, qisni kont u ma kinitx hemm.* Mistoqsija fejn toqgħod, Polly Vella wieġbet li toqgħod Triq il-Kungress Ewkaristiku u in oltre għarrfet lill-imputata bħala dik il-persuna li daħlet għandha dakinhar li xehdet dwaru. Qalet ukoll li c-choker kien tad-deheb isfar, li kien ilu għandha erbgħin sena imma ma setgħetx tgħid kemm kien jiswa.

**Maria Dolores Borg**[51], allegata vittma oħra f'dawn il-proċeduri, xehdet illi hija toqgħod Triq l-Oratorju l-Mosta u li kienet għamlet rapport fir-rigward ta' mara li daħlitilha d-dar u serqitilha ġiżirana. Hija xehdet illi *ġiet tħabattli l-bieb, kienet nieżla ftit xita u qaltli li qed tħoss ħafna bard, qaltli "ksaħt hawn" u jiena għidtilha "idħol u oqgħod naqra bilqiegħda" għax għandi kamra ta' l-ikel kif tidħol u qagħdet bilqiegħda fuq is-siġġu. Staqsejtha jekk trid nagħmlilha naqra kafè u qaltli "iva, jekk jogħġbok, aħjar għax qed inħoss il-bard". Dħalt fil-kċina nagħmilha l-kafè u x'ħin ħriġt bil-kafè, ma sibthiex fil-kamra u jien għdit "ara telqet din" u naraha nieżla t-taraġ minn fuq. Imbagħad staqsejtha x'telgħet tagħmel fuq u qaltli "tlajt nittawwal naqra" u jiena ma tajtx każ. Imbagħad ħadet il-kafè, qaltli grazzi u ġiet tbusni u telqet. Kif kienet ħierġa daħal it-tifel għax għandi t-tifel qassis u qiegħed hawnhekk ukoll illum, u telqet. Imbagħad wara xi nofs siegħa, it-tifel tela' fuq u qalli "Ma, għandek il-ġiżirana mal-Madonna mhux qiegħda hemmhekk" għax għandi Madonna fuq u jien għidtlu "hemm kienet" u qalli "mela ħaditielek hi" għax x'ħin għidtlu li telgħet fuq, qisu nduna illi messitha hi l-ġiżirana, u bqajt hekk.* Maria Dolores Borg stqarret li l-ġiżirana kienet tad-deheb u kellha *qisha domna mdendla magħha u kellha biċċa qisha lixxa u biċċa qisha mibruma l-ġiżirana.* Mistoqsija kemm kienet tiswa l-ġiżirana, ma setgħetx tgħid għaliex kienet ilha tmenin sena għandha, iżda rrimarkat li l-ġiżirana kienet naqra ħoxna. Mistoqsija tiddeskrivi lil din il-persuna u jekk kenitx qed tarafha ġewwa l-Awla, Maria Dolores Borg wieġbet *kienet xagħarha twil imdendel. .. naqra*

[50] Xhieda mogħtija waqt is-seduta tat-28 ta' Marzu 2023, fol. 85 sa' 88 tal-proċess.

[51] Xhieda mogħtija waqt is-seduta tat-28 ta' Marzu 2023, fol. 89 sa' 91 tal-proċess.

*rajtha ta, kienet imkebba u kienet bl-umbrella. Ma nafx hux dik t'hemmhekk forsi hi imma ma nfax ta, m'inix ċerta.*

**Annunziato Borg**[52], iben Maria Dolores Borg, xehed *dakinhar jien inżilt il-Mosta mir-Rabat biex immur id-dar naraha* - lill-ommu - *u f'dak il-mument li wasalt id-dar kien hemm din il-persuna hemmhekk, jiena dħalt, ħarist ftit hekk u bqajt dieħel u wara ftit din il-persuna ħarġet il-barra u telqet. Ma damitx ħafna hemmhekk jiġifieri għax wara ftit li wasalt jien hemmhekk, telqet il-barra. … Imbagħad ommi bdiet tgħidli li kien hemm persuna, li kienet barra u daħħlitha, tatha l-kafè għax dakinhar inzertat kienet ix-xita wkoll u sakemm marret tagħmilha l-kafè u ħarġet bil-kafè ma rathiex u ommi qaltli li qalet "mela telqet?". Imbagħad ratha nieżla t-taraġ l-aħħar ftit u ommi staqsietha għalfejn telgħet fuq u qaltilha "tlajt nara ftit". Imbagħad, wara ftit, qaltli "jiena ma nafx għalfejn telgħet" għax hi kienet diġa' telqet dak il-ħin ovvjament u qisu mbagħad moħħi ikklikkja jien illi ommi kien ikollha l-ġiżirana hemmhekk imdendla fejn hemm l-istatwa u għidtilha ha mmur niċċekkja jekk il-ġiżirana hux qiegħda hemmhekk u ovvjament, wara li mort, ma kienetx qiegħda hemmhekk.* Mistoqsi jagħrafx il-persuna in kwistjoni, Annunziato Borg wieġeb *dik il-persuna li hemmhekk* - ossia l-imputata - *qisu tixbaħha, però m'inix 100% sure għax jiena kulma rajtha jien u dieħel, ħarist ftit hekk u rajtha bilqiegħda.*

**Mary Formosa**[53], allegata vittma oħra, xehdet illi għamlet rapport mal-Pulizija u fir-rigward iddikjarat li *jiena ħriġt nixtri mingħand ħanut ħdejja, kienu f'xi it-3:00p.m. u jien u ġejja lura lejn id-dar, fuq l-istess bankina, qasmet waħda u jien ma tajtx kas min kienet, u kif qasmet ġiet tkellimni. Qaltli "kif inti? Hawnhekk toqgħod inti f'dan il-palazz?" U għidtilha "skużi ta, jien erbat ikmamar għandi mhux palazz" u qaltli "imma kemm għandek sabiħ". Jien komplejt miexja lejn il-grada u bdejt dieħla u baqgħet tkellimni u qaltli "allura inti armla?" U għidtilha "iva, ħallieni r-raġel" u qaltli "aħjar ħalli tmur fejn trid" u għidtilha "mela le, kemm nixtieq li għadu ħaj ir-raġel għax kien jirrispettani u jħobbni" u bdiet tistaqsini ħafna mistoqsijiet. Bdiet tgħidli "allura waħdek torqod inti" u għidtilha "waħdi imma ġieli jiġu t-tfal". Qaltli "għandek min inaddaflek" u għidtilha "iva" u qaltli "għax jien innaddaf lin-nies" u għidtilha "jiena għandi tal-Gvern tnaddafli". Kont se nagħlaq il-grada biex nidħol imbagħad insomma u bdiet togħrok żaqqha u qaltli "skużi ta imma ilni maqsuma toilet u ħadd ma daħħalni". Qaltli "għamilli pjaċir, ħa nidħol naqra" u jiena qasmitli qalbi u daħħaltha u qgħadt viċin tagħha għax il-kmamar, hemm il-kamra tal-banju u kif daħlet bdiet iddur, kamra waħda kienet magħluqa u jien ħarist lejn il-cooker għax kelli l-borma fuq il-cooker u sakemm dawwart wiċċi għal sekonda, għax mhux żgur kien hemm sekonda naħseb, immur hekk fil-bidu tal-kuritur kif kont, għax qasir il-kuritur, u naraha qiegħda tfittex u għidtilha "x'inti tfittex?" U qaltli li qiegħda tfittex il-baskett u għidtilha "hemm qiegħed warajk?" U qaltli "qed infittex ħalli nieħu t-tissue" u għidtilha "daqskemm għandi tissues fil-kamra tal-banju, stajt ħadt minn hemm". Però t-toilet ma daħlitx hi mbagħad.*

---

[52] Xhieda mogħtija waqt is-seduta tat-28 ta' Marzu 2023, fol. 92 u 93 tal-proċess.

[53] Xhieda mogħtija waqt is-seduta tat-28 ta' Marzu 2023, fol. 94 sa' 97 tal-proċess.

Mary Formosa xehdet illi lil din il-mara ratha ħierġa mill-ispare bedroom u iddikjarat ulterjorment illi *mbagħad filgħaxija kont qiegħda niżbarazza għax jiena kont ħriġt naqra filgħodu u jiena ma nħobbx noqgħod bihom iċ-ċurkett lanqas u għamiltu fuq it-twaletta u għidt "ara, jien iċ-ċurkett hawn għamiltu u mhux qiegħqed hawnhekk" u ġieni suspett. Imbagħad rajt waħda li tiġi taħsilli u għidtilha "isma, ara x'ġarali, daħħalt lil waħda tagħmel toilet, kelli ċ-ċurkett tat-tieġ fuq it-twaletta u ma sibtux". Għidtilha "tgħidilhom xejn lit-tfal ta għax jinkwetaw" u qaltli "le ta, ħa nċempel lit-tifel jew lit-tifla" u ċemplitilhom u ġew u daqshekk. Imbagħad morna l-Għassa ta' Ħaż-Żabbar nirrapportaw.* Mary Formosa spjegat li dan kien iċ-ċurkett tat-tieġ u kien tad-deheb u li kellu valur sentimentali kbir għaliha għax fuq ġewwa kien hemm isem ir-raġel u d-data ta' meta iżżewwġu. Mistoqsija dwar il-valur taċ-ċurkett ma setgħetx tgħid kemm jiswa u qalet ukoll li kien ilu għandha madwar 58 jew 59 sena. Mistoqsija jekk tagħrafx lill-mara in kwistjoni, Formosa, għad illi ma kenitx għal kollox ċerta, indikat lill-imputata.

**Peter Michael Batchelor**[54], allegat vittma ieħor, xehed illi f'Marzu ta' l-2023 *my wife and myself were in Valletta. We were walking down towards the bus station when my wife wanted to go to the toilet. We went to the toilet in the bus station and there was a girl there walking up and down, all dressed in black. She was talking to my wife while my wife was waiting to go to the toilet. I walked around the side and I found that there was a gentleman's toilet at the side of the actual bathroom. I went in there and a couple of minutes later, a woman walked by and came round the back of us and she said that I've got dirt on the back of my white cardigan. She went to wipe it off and she said that it was all black so she got a tissue out of her bag and started to wipe it. Once she was wiping it, I noticed that she got my chain in her hand. I've got my chain on me and here it is, she got that off and she said "I'll put it in your pocket", she went to put it in my Jeans pocket on the lefthand side, she took her hand away, I then automatically put my hand in my pocket and the chain wasn't there and she then dropped it into her bag. I said "you've got the chain in the bag", so she opened the bag, you couldn't see it but there was a big like makeup bag and it was underneath there. When I looked it was underneath there and I took my chain out of her bag. When I started to walk back out to see my wife, then a police officer came up the stairs and asked has she tried to take anything out off of me or tried to pinch anything and I said "yes" and I showed him my chain that was in my hand and that was it. Then there were two police officers there which, I must say, done a great job because she could have got away with that.*

Batchelor stqarr illi l-ġiżirana kienet xtrata l-mara tiegħu u kienet tiswa' disa' mitt Sterlina u flimkien magħha kellu kurċifiss li xtrah iktar tard. Mistoqsi jagħrafx lil din il-persuna femminili li ppruvat toħodlu l-ġiżirana, huwa indika lill-imputata.

**Graziella Mifsud**[55], in rappreżentanza ta' Solid Gold, ikkonfermat li d-dokumenti a fol. 73 sa' 77 tal-proċess, huma dokumenti relattivi għal bejgħ ta' deheb li jsir

[54] Xhieda mogħtija waqt is-seduta tas-26 ta' April 2023, fol. 133 sa' 135 tal-proċess.

[55] Xhieda mogħtija waqt is-seduta tas-26 ta' April 2023, fol. 136 sa' 138 tal-proċess.

lilhom mingħand in-nies. Iddikjarat ukoll li hemm indikata ġiżirana li kienet ġiet akkwistata minn Solid Gold mingħand l-imputata. Għall-ġiżirana in kwistjoni l-imputata kienet ingħatat €89. **Stephen Debono**[56], in rappreżentanza ta' Debono Jewellers, ukoll ikkonferma li d-dokument a fol. 72 tal-proċess kien dokument tal-ħanut tiegħu u li jirrigwarda xiri ta' deheb mill-ħanut mingħand il-klijenti. Xehed ukoll li bħala prassi meta klijent imur ibiegħ id-deheb jintalab jagħti l-indirizz jew in-numru tal-Karta ta' l-Identità.

Mill-atti proċesswali jirriżulta li fil-kors ta' dawn il-proċeduri l-imputata ħallset is-segwenti ammonti lill-vittmi hawn indikati:

- €500 lil Michael Cassar[57];
- €250 lil Paolina Vella[58];
- €700 lil Mary Formosa[59];
- €300 lil Maria Dolores Borg[60].

Għalkemm l-irċevuti għall-ħlasijiet lil Paolina Vella, Mary Formosa u Maria Dolores Borg inħarġu mill-Pulizija, is-somma komplessiva ta' €1,250 kienet ingħatat mill-imputata lill-Ispettur Christina Delia biex din ta' l-aħħar tħallas lill-imsemmija vittma skond il-każ[61].

L-**Uffiċjal tal-Probation Joanna Farrugia** ħejjiet Social Inquiry Report u Social Inquiry Report Aġġornat fir-rigward ta' l-imputata, l-ewwel wieħed fil-bidu ta' dawn il-proċeduri u t-tieni wieħed fi stadju iktar avvanzat.

Fl-ewwel Social Inquiry Report - Dok. "JF" a fol. 31 sa' 60 tal-proċess - l-Uffiċjal tal-Probation Joanna Farrugia ħarġet diversi punti dwar it-trobbija u l-istil ta' ħajja ta' l-imputata u bħala pjan ta' kura indikat li *huwa importanti li l-imputata tkompli tirċievi sapport minn professjonisti u tikseb aktar stabbilità f'ħajjitha permezz ta' impjieg stabbli.* Meta ġie ppreżentat dan is-Social Inquiry Report, l-imsemmija Uffiċjal tal-Probation kienet stqarret illi *jiena kont insegwi lil Lucianne qisu sa' Diċembru tas-sena l-oħra* (2022), *l-ewwel segwejtha fuq Supervision Order annessa ma' suspended sentence li spiċċat f'Awwissu tas-sena l-oħra u s-sena l-oħra kont għamilt ukoll Social Inquiry Report fuq każ pendenti tagħha quddiem il-Maġistrat Dr. Caroline Farrugia Frendo u kien intalab update ta' dan ir-rapport li ħejjet għal Diċembru tas-sena l-oħra u kont segwejtu qisu minn Ottubru sa' Diċembru fuq dan ir-rapport. Li nista' ngħid huwa illi l-kuntatt tagħha waqt is-superviżjoni, kien hemm xi perjodi fejn kienet waqgħet għall-abbuż tad-droga kienet reġgħet u fil-fatt kont anke għamiltilha denunzja, però mbagħad qisha kienet bdiet miexja sew u d-denunzja kompliet għaddejja għas-superviżjoni u anke qisu lejn l-aħħar 6 to 8 months li segwejtha, il-urines dejjem kienu clean, kemm*

---

[56] Xhieda mogħtija waqt is-seduta tas-26 ta' April 2023, fol. 139 sa' 141 tal-proċess.

[57] Verbal tas-seduta tat-22 ta' Frar 2024, fol. 287 tal-proċess.

[58] Riċevuta a fol. 291 tal-proċess.

[59] Ricevuta a fol. 292 tal-proċess.

[60] Riċevuta a fol. 293 tal-proċess.

[61] Riċevuta a fol. 290 tal-proċess.

*miegħi, kemm mad-Detox u kemm mas-Sedqa. Però meta qed nara dawn l-akkużi, jinkwetawni xi ftit għax kien hemm waħda mill-akkużi li kienet waqt il-perijodu tas-superviżjoni, lejn l-aħħar u oħra fiż-żmien meta kont qed nagħmlilha r-rapport. Barra minnhekk, tul il-perijodu ta' superviżjoni hi fetħet żewġ każijiet oħra - dak ta' quddiem il-Maġistrat Caroline u każ ieħor. Jiġifieri l-fatt illi waqt is-superviżjoni, għadhom ma nqatgħux dawn il-każijiet imma fetħet 3 każijiet, qisu kemm hija affidabbli naraha naqra question mark, imbagħad, avjola, nerġa' ngħid, fejn għamlet perijodu sew u kienet tagħti urines clean. Il-question mark tiegħi jiena qisha mbagħad, jekk hi tinstab ħatja, speċi kemm hija affidabbli li tibqa' tiġi segwita*[62].

Fis-Social Inquiry Report Aġġornat - Dok. "JFX" a fol. 257 sa' 276 tal-proċess - l-Uffiċjal tal-Probation Joanna Farrugia, wara li kkunsidrat diversi fatturi, ikkonkludiet li *nerġa' nfakkar lil din l-Onorabbli Qorti li r-reati li tinsab akkużata bihom l-imputata seħħew matul il-perijodu operattiv tas-sentenza sospiża li biha qed tiġi akkużata bil-ksur, kif ukoll tħejjija ta' rapport quddiem Qorti diversament preseduta. Matul dak il-perijodu hija kienet tidher li qed tgħix ħajja stabbli fejn ukoll kienet qed iżżomm 'il bogħod mid-droga. B'hekk dawn il-fatturi jkomplu jqanqlu tħassib dwar il-kredibilità tagħha u kemm tista' tkun fdata.*

Mix-xhieda li tat l-Uffiċjal tal-Probation fis-seduta tat-2 ta' Lulju 2024[63], liema uffiċjal fil-frattemp ġiet appuntata biex issegwi lill-imputata taħt Ordni ta' Superviżjoni maħruġ minn din il-Qorti f'dawn il-proċeduri, jirriżulta li għalkemm l-imputata ngħatat tlett appuntamenti hija attendiet wieħed biss għaliex għat-tieni l-oħra allegatament kienet indisposta. Għalkemm għal appuntament iffissat għat-18 ta' Ġunju 2023 l-imputata ppreżentat ċertifikat mediku, irriżulta li t-Tabib li ħareġ iċ-ċertifikat ma kienx ġie nfurmat li l-imputata kellha bżonnu għal skopijiet ta' Qorti iżda qaltlu li kellha interview, u fil-fatt dan l-istess Tabib kien informa lill-Uffiċjal tal-Probation Joanna Farrugia li kellha injora u tiskarta dak iċ-ċertifikat. Nonostante dan kollu però u t-tħassib ta' l-Uffiċjal tal-Probation għaliex l-imputata ma kenitx qed tkun konsistenti fl-appuntamenti tagħha, l-urines baqgħu dejjem jirriżultaw *clean*.

Fix-xhieda li tat waqt is-seduta tat-23 ta' Lulju 2024[64], l-Uffiċjal tal-Probation Joanna Farrugia xehdet illi *Lucianne attendiet iż-żewġ appuntamenti li tajtha, wieħed kien fit-8 ta' Lulju u l-ieħor kien dalgħodu stess, ħadtilha l-urine tests u t-tnejn kienu clean, ukoll waqt dawn l-appuntamenti ddiskutejna l-ħajja tagħha kif inhi bħalissa, tidher li she is quite settled u qisu ma kienx hemm problemi li ġew highlighted li għandhom bżonn jiġu ndirizzati, it seems that she is doing quite well. … Tidher ħafna aħjar ehe.*

**Imputazzjonijiet dedotti fil-konfront ta' l-imputata:**

[62] Xhieda mogħtija fl-20 ta' Marzu 2023, fol. 27 sa' 30 tal-proċess.

[63] Fol. 297 u 298 tal-proċess.

[64] Fol. 303 u 304 tal-proċess.

Bl-**ewwel ħames imputazzjonijiet** dedotti fil-konfront tagħha, l-imputata qed tiġi mixlija talli: (1) Fit-2 ta' Awwissu 2022 f'xi ħin bejn 12:45hrs u 13:00hrs ġewwa l-venda ta' tal-linja, Furjana, ikkommettiet serq ta' ġojjellerija, liema serq huwa aggravat bil-valur li ma jeċċedix €2,329.37, u dan għad-detriment ta' Michael Cassar u/jew persuni u/jew entitajiet oħra; (2) Fl-4 ta' Ottubru 2022 f'xi ħin bejn 14:00hrs u 16:00hrs minn ġewwa l-fond 83, Ave Maria, Triq il-Qaliet, Marsascala, ikkommettiet serq ta' ġojjellerija, liema serq huwa aggravat bil-lok, bil-persuna u bil-valur li ma jeċċedix €2,329.37 u dan għad-detriment ta' Mary Formosa, anzjana ta' erbgħa u tmenin (84) sena u/jew persuni u/jew entitajiet oħra; (3) Fil-25 ta' Frar 2023 f'xi ħin bejn 11:00hrs u 12:00hrs minn ġewwa l-fond 81, Triq il-Kungress Ewkaristiku, Mosta, ikkommettiet serq ta' ġojjellerija, liema serq huwa aggravat bil-lok, bil-persuna u bil-valur li ma jeċċedix €2,392.37, u dan għad-detriment ta' Paolina Vella anzjana ta' sebgħa u tmenin (87) sena u/jew persuni u/jew entitajiet oħra; (4) Fit-3 ta' Marzu 2023 f'xi ħin bejn 10:45hrs u 11:15hrs minn ġewwa l-fond 25, Triq l-Oratorju, Mosta, ikkommettiet serq ta' ġojjellerija, liema serq huwa aggravat bil-lok, bil-persuna u bil-valur li ma jeċċedix €2,329.37, u dan għad-detriment ta' Maria Dolores Borg, anzjana ta' ħamsa u tmenin (85) sena u/jew persuni u/jew entitajiet oħra; (5) Fit-8 ta' Marzu 2023 f'xi ħin bejn 12:00hrs u 13:00hrs ġewwa l-venda ta' tal-linja, Furjana, bil-ħsieb li tagħmel delitt wriet dan il-ħsieb b'atti esterni u tat bidu għall-esekuzzjoni tad-delitt, liema delitt ma ġiex esegwit minħabba xi ħaġa aċċidentali u indipendenti mill-volontà tagħha, u li kieku ġie esegwit kien ikun delitt ta' serq aggravat bil-valur, li ma jeċċedix €2,329.37, u dan għad-detriment ta' Peter Michael Batchelor, anzjan ta' ħamsa u sebgħin (75) sena u/jew persuni u/jew entatjiet oħra.

Mill-provi prodotti mill-Prosekuzzjoni l-Qorti hija tal-fehma li ġie ppruvat lil hinn minn kull dubju raġonevoli li l-imputata hija effettivament ħatja tas-serqiet indikati fl-ewwel erba' imputazzjonijiet dedotti kontriha, kif ukoll ta' l-attentat ta' serq indikat fil-ħames imputazzjoni dedotta fil-konfront tagħha, f'liema l-aħħar każ hija ġiet arrestata mill-Pulizija *in flagrante delicto*. Konferma tal-ħtija tagħha għas-serqiet mertu ta' l-ewwel erba' imputazzjonijiet dedotti fil-konfront tagħha tirriżulta ukoll mill-fatt li l-imputata, fil-mori tal-proċeduri, ħallset lil Michael Cassar, lil Paolina Vella, lil Maria Dolores Borg u lil Mary Formosa, il-valur ta' l-oġġetti li hija serqitilhom.

Stabbilit li l-imputata hija ħatja ta' serqiet mertu ta' l-ewwel erba' imputazzjonijiet dedotti fil-konfront tagħha kif ukoll ħatja ta' l-attentat ta' serq mertu tal-ħames imputazzjoni dedotta fil-konfront tagħha, jeħtieġ issa jiġi stabbilit jekk il-kwalifiki għas-serq li qed tiġi mixlija bihom, jirriżultawx ukoll.

Fil-każ tas-serqa li seħħet fit-2 ta' Awwissu 2022 a dannu ta' Michael Cassar, l-imputata qed tiġi mixlija bir-reat ta' serq kwalifikat bil-valur li ma jeċċedix €2,329.37. Ai termini ta' l-Artikolu 267 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta, *is-serq huwa ikkwalifikat bil-"valur", meta l-ħaġa misruqa tkun tiswa aktar minn mitejn u tnejn u tletin euro u erbgħa u disgħin ċenteżmu (€232.94)*. Il-valur imħallas mill-imputata lil Michael Cassar għall-ġiżirana misruqa huwa ta' €500 u għalhekk fil-fehma tal-Qorti din il-kwalifika, għal din l-istanza partikolari, tirriżulta ppruvata.

Fil-każ ta' serqa li seħħet fl-4 ta' Ottubru 2022 a dannu ta' Mary Formosa, l-imputata qed tiġi mixlija bir-reat ta' serq ikkwalifikat bil-lok, bil-persuna u bil-valur li ma jeċċedix €2,329.37, u li sar fil-konfront ta' persuna anzjana ta' 84 sena.

Kif già osservat ai termini ta' l-Artikolu 267 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta, is-serq huwa kkwalifikat bil-valur jekk l-oġġett misruq ikun jiswa iktar minn €232.94. Il-valur imħallas mill-imputata lil Mary Formosa għaċ-ċurkett misruq huwa ta' €700. Konsegwentement għalhekk il-kwalifika tal-valur tirriżulta ppruvata.

Ai termini ta' l-Artikolu 268(b) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta, is-serq huwa ikkwalifikat bil-persuna *meta jsir mill-mistieden jew minn xi ħadd tal-familja tiegħu, fid-dar fejn ikun milqugħ bħala mistieden, jew, taħt l-istess ċirkostanzi, minn min jistieden jew minn xi ħadd tal-familja tiegħu, bi ħsara tal-mistieden jew ta' xi ħadd tal-familja tiegħu* u ai termini ta' l-Artikolu 269(g) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta, is-serq huwa kkwalifikat bil-lok meta jseħħ *f'dar ta' abitazzjoni jew f'parti li tagħmel magħha.* Mill-provi prodotti jirriżulta li l-imputata serqet iċ-ċurkett ta' Mary Formosa minn ġod-dar ta' l-istess Formosa wara li dan laqgħatha għandha. Jirriżulta għalhekk li l-kwalifiki tal-persuna u tal-lok jirriżultaw ippruvati.

Mill-estratt taċ-ċertifikat tat-twelid ta' Mary Formosa Esebit mill-Ispettur Christina Delia markat Dok. "CD12" a fol. 82 tal-proċess, jirriżulta fiż-żmien tas-serqa in kwistjoni Formosa kellha 83 sena.

Fil-każ tas-serqa li seħħet fil-25 ta' Frar 2023 a dannu ta' Paolina Vella, l-imputata hawn ukoll qed tiġi mixlija bir-reat ta' serq ikkwalifikat bil-lok, bil-persuna u bil-valur li ma jeċċedix €2,329.37.

F'dan il-każ ukoll l-imputata serqet ġiżirana mingħand Paolina Vella meta l-istess Vella laqgħatha d-dar għandha. Għaldaqstant f'dan il-każ ukoll il-kwalifiki tal-persuna u tal-lok jirriżultaw ippruvati. In kwantu rigwarda l-kwalifika tal-valur, l-imputata ħallset lil Paolina Vella s-somma ta' €250, u għaldaqstant hawn ukoll il-kwalifika tal-valur tirriżulta ppruvata.

Mill-estratt taċ-ċertifikat tat-twelid ta' Paolina Vella esebit mill-Ispettur Christina Delia markat Dok. "CD11" a fol. 81 tal-proċess, jirriżulta li fiż-żmien tas-serqa in kwistjoni Vella kellha 87 sena.

Fil-każ tas-serqa li seħħet fit-3 ta' Marzu 2023 a dannu ta' Maria Dolores Borg, l-imputata qed tiġi mixlija bir-reat ta' serq ikkwalifikat bil-lok, bil-persuna u bil-valur li ma jeċċedix €2,329.37.

F'dan il-każ għal darb' oħra l-imputata serqet ġiżirana mingħand Maria Dolores Borg meta din laqgħatha d-dar għandha. Għaldaqstant f'dan il-każ ukoll il-kwalifiki tal-persuna u tal-lok jirriżultaw ippruvati. In kwantu rigwarda l-kwalifika tal-valur, l-imputata ħallset lil Maria Dolores Borg is-somma ta' €300, u għaldaqstant il-kwalifika tal-valur tirriżulta ppruvata.

Mill-estratt taċ-ċertifikat tat-twelid ta' Maria Dolores Borg esebit mill-Ispettur Christina Delia markat Dok. "CD10" a fol. 80 tal-proċess, jirriżulta li fiż-żmien tas-serqa in kwistjoni Borg kellha 85 sena.

Fil-każ ta' l-attentat ta' serq a dannu ta' Peter Michael Batchelor li seħħ fit-8 ta' Marzu 2023, l-imputata qed tiġi appuntu mixlija bir-reat ta' attentat ta' serq ikkwalifikatbil-valur li ma jeċċedix €2,329.37, u dan għad-detriment ta' l-imsemmi Batchelor, anzjan ta' 75 sena.

Fix-xhieda tiegħu Peter Michael Batchelor stqarr li l-ġiżirana li l-imputata ppruvat tisraqlu kienet xtratha l-mara tiegħu għas-somma ta' 900 sterlina[65]. Fil-fehma tal-Qorti ma hemmx raġuni għalfejn ma għandhiex temmen lil Batchelor li dan huwa l-valur tal-ġiżirana in kwistjoni u l-imputata da parte tagħha bl-ebda mod ma ikkuntrastat jew resqet provat kuntrarja għal dak minnu affermat. Għaldaqstant f'dan il-każ ukoll il-kwalifika tal-valur tirriżulta ppruvata.

Apparte minn hekk fix-xhieda tiegħu, mogħtija fis-26 ta' April 2023, Batchelor iddikjara li għandu 74 sena.

Bis-**sitt imputazzjoni** dedotta fil-konfront tagħha l-imputata qed tiġi mixlija talli fix-xahar ta' Awwissu 2022 kisret il-provvedimenti ta' sentenza sospiża mogħtija fil-konfront tagħha b'sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta), Maġistrat Dr. C. Galea LL.D. datata 31 ta' Awwissu 2019, liema sentenza saret definittiva u ma tistax tinbidel.

In sostenn ta' din l-imputazzjoni l-Prosekuzzjoni ppreżentat sentenza fl-ismijiet "Il-Pulizija v. Lucianne Pace" pronunċjata mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali fil-31 ta' Awwissu 2019 - Dok. "CDY" a fol. 175 sa' 177 tal-proċess. Stephania Calafato Testa, Assistent Reġistratur Qrati Kriminali u Tribunali, ikkonfermat li ma kienx hemm appell minn din is-sentenza.

Din is-sentenza ngħatat fil-konfront ta' Lucianne Pace, detentriċi tal-Karta ta' l-Identità bin-Numru 387880(M), li huwa l-istess numru tal-Karta ta' l-Identità ta' l-imputata f'dawn il-proċeduri. L-Ispettur Christina Delia fix-xhieda mogħtija fis-seduta tal-15 ta' Ġunju 2023 iddikjarat li f'dawk il-proċeduri l-imputata kienet indikata bil-kunjom Pace għar-raġuni li dak iż-żmien hija kellha l-kunjom Pace. Fid-dawl ta' dan għalhekk jirriżulta li dik is-sentenza ngħatat fil-konfront ta' l-imputata f'dawn il-proċeduri.

Bis-saħħa ta' l-imsemmija sentenza l-imputata kienet, a bażi ta' ammissjoni, instabet ħatja ta' l-imputazzjonijiet hemm dedotti fil-konfront tagħha u ġiet ikkundannata għal sena priġunerija sopsiza għall-perijodu ta' tlett snin mid-data tas-sentenza. Mill-provi prodotti jirriżulta li r-reat mertu ta' l-ewwel imputazzjoni dedotta fil-konfront ta' l-imputata, ossia s-serqa kkwalifikata bil-valur li ma jeċċedix is-somma ta' €2,329.37 a dannu ta' Michael Cassar li seħħet fit-2 ta' Awwissu 2022, effettivament seħħ fil-perijodu operattiv tas-sentenza sopsiża msemmija.

---

[65] F'Marzu 2023 ekwivalenti għal ċirka €1,034.55.

Fiċ-ċirkostanzi għalhekk l-imputata tirriżulta li hija ħatja anke tas-sitt imputazzjoni dedotta fil-konfront tagħha.

Il-Prosekuzzjoni tressaq fil-konfront ta' l-imputata anke l-**addebitu tar-reċidiva** ai termini ta' l-Artikoli 49, 50 u 289 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta. L-unika sentenza prodotta mill-Prosekuzzjoni hija l-imsemmija sentenza "Il-Pulizija v. Lucianne Pace" pronunċjata mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali fil-31 ta' Awwissu 2019. Għalkemm wieħed mir-reati mertu ta' dawn il-proċeduri, ossia r-reat mertu ta' l-ewwel imputazzjoni dedotta fil-konfront ta' l-imputata, seħħ fil-perijodu operattiv ta' sentenza sospiża, ir-reati l-oħra kollha seħħew wara li skada l-imsemmi perijodu operattiv u għaldaqstant l-imputata għandha ai termini ta' l-Artikoli 28A(5A) u 28F tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta, tinstab li hija reċidiva kemm ai termini ta' l-Artikolu 49 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta kif wkoll ai termini ta' l-Artikolu 50 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Fil-każ in eżami japplika wkoll l-Artikolu 289 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta peress illi dawn il-proċeduri ma humiex l-ewwel proċeduri fejn l-imputata nstabet ħatja ta' reati ta' serq u ġiet ikkundannata għall-istess.

**Piena:**

Għall-finijiet ta' piena l-Qorti ħadet in konsiderazzjoni n-natura tar-reati li tagħhom l-imputata qed tinstab ħatja iżda ħadet in konsiderazzjoni wkoll il-fatt li l-imputata ħallset lill-vittmi Michael Cassar, Mary Formosa, Paolina Vella u Maria Dolores Borg u mix-xhieda ta' l-Uffiċjal tal-Probation Joanna Farrugia jirriżulta li l-imputata ma hijiex qed tabbuża mid-droga u li f'dan l-aħħar perijodu s-sitwazzjoni tagħha għall-fini ta' stabbilità jidher li ttranġat. Ħadet in konsiderazzjoni wkoll il-fatt li fil-każ in eżami japplikaw il-provvedimenti ta' l-Artikoli 17(b) u 18 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta.

**Decide:**

Għaldaqstant wara li rat u kkunsidrat:

A. L-Artikoli 17(b), 18, 20, 31, 41(1)(a), 49, 50, 261(ċ)(d)(e), 267, 268(b), 269(g), 279(a), 280(1) u 289 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti qed issib lill-imputata ħatja ta' l-ewwel ħamies imputazzjonijiet dedotti fil-konfront tagħha iżda peress illi l-Qorti hija sodisfatta li fiċ-ċirkostanzi tal-każ, kif ukoll fid-dawl tal-karattru ta' l-istess imputata, anke kif jirriżulta mis-Social Inquiry Report u s-Social Inquiry Report Aġġornat imħejjija mill-Uffiċjal tal-Probation Joanna Farrugia, u r-Rapporti ta' Andament ta' l-imputata ppreżentati mill-Uffiċjal tal-Probation Joanna Farrugia, is-sorveljanza ta' l-imputata minn Uffiċjal tal-Probation hija mixtieqa fl-interess li tiġi assikurata r-rijabilitazzjoni tagħha u li jiġi protett il-pubbliku minn xi dannu li tista' tagħmel l-imputata u li jiġi prevenut l-għemil ta' reati oħra da parte ta' l-imsemmija imputata, a tenur ta' l-Artikolu 7(1)(2) tal-Kap. 446 tal-Liġijiet ta' Malta, tqiegħed lill-imputata taħt Ordni ta' Probation għall-perijodu ta' tlett (3) snin mid-data ta' din is-sentenza,

taħt dawk it-termini u kondizzjonijiet imposti fid-Digriet relattiv maħruġ illum, liema Digriet qed jiġi anness ma' din is-sentenza u jifforma parti integrali minnha.

A termini ta' l-Artikolu 7(7) tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti spjegat lill-imputata bi kliem li hija tifhem, x'inhuma l-effetti ta' l-Ordni ta' Probation impost fuqha bid-Digriet mogħti llum stess, u li jekk hija tonqos milli tikkonforma ruħha ma' tali Ordni ta' Probation jew tagħmel xi reat ieħor waqt il-perijodu ta' tali Ordni, hija tista' tingħata sentenza għar-reati mertu ta' dawn il-proċeduri.

Ai termini ta' l-Artikolu 7(8) tal-Kap. 446 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti tordna li kopja tal-Probation Order tingħata lill-imputata kif ukoll tiġi komunikata lid-Direttur tal-Probation Services.

U wara li rat u kkunsidrat:

B. L-Artikoli 28B(1)(2)(b) u 28Ċ(1) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti qed issib lill-imputata ħatja tas-sitt imputazzjoni dedotta fil-konfront tagħha iżda peress illi fid-dawl tal-fatt li l-imputata tidher li qed tipprova tgħix ħajja iktar stabbli u qed iżżomm il-bogħod mill-vizzju tad-droga, ma tqisx li tkun ħaġa ġusta li tagħmel ordni bis-saħħa ta' l-Artikolu 28B(1) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta, u għalhekk ai termini ta' l-Artikolu 28B(2)(b) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta qed tibdel l-ordni oriġinali ta' sospensjoni ta' tlett (3) snin imposti bis-sentenza fl-ismijiet "Il-Pulizija v. Lucianne Pace" deċiża mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali fid-19 ta' Awwissu 2019, għall-perijodu ta' tlett (3) snin dekoribbli mid-data ta' din is-sentenza.

A tenur ta' l-Artikolu 28A(4) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti spjegat lill-imputata bi kliem ċar ir-responsabilità tagħha taħt l-Artikolu 28B tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta jekk hija tikkommetti, matul il-perijodu operattiv ta' dan it-terminu ta' sospensjoni, reat li ghalih hemm piena ta' priġunerija.

Fid-dawl ta' dak li rriżulta mir-Rapporti ta' Andament ta' l-imputata ppreżentati mill-Uffiċjal tal-Probation Joanna Farrugia, il-Qorti qed tqiegħed lill-imputata taħt Ordni ta' Trattament, sabiex tieħu l-għajnuna psikoloġika u psikatrika minnha meħtieġa, għall-perijodu ta' tlett (3) snin dekoribbli mil-illum u taħt dawk it-termini u kondizzjonijiet imposti fid-Digriet għall-ħruġ ta' Ordni ta' Trattament mogħti llum stess, liema Digriet qed jiġi anness ma' din is-sentenza u jifforma parti integrali minnha.

A tenur ta' l-Artikolu 412D(4) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti spjegat lill-imputata bi kliem ċar il-kondizzjonijiet imposti fuqha bl-Ordni ta' Trattament maħruġ fil-konfront tagħha kif ukoll ir-responsabilità tagħha f'każ li ma tikkonformax ruħha ma' xi rekwiżit jew xi kondizzjoni ta' tali Ordni ta' Trattament maħruġ fil-konfront tagħha, u ċioè li f'tali eventwalità il-Qorti tista' twaħħalha ammenda ta' mhux iżjed minn elf mija erbgħa u sittin Euro u disgħa u sittin centeżmu (€1,164.69).

In fine l-Qorti tordna l-ħruġ ta' Ordni ta' Trażżin fil-konfront ta' l-imputata għas-salvagwardja ta' Michael Cassar, Paulina Vella, Mary Formosa u Maria Dolores Borg. Dan l-Ordni ta' Trażżin qed jinħareġ għal perijodu ta' tlett (3) snin dekoribbli mid-data ta' din is-sentenza u taħt it-termini u kondizzjonijiet indikati f'Digriet mogħti llum stess, liema Digriet qed jiġi anness ma' din is-sentenza u jifforma parti integrali minnha.

A tenur ta' l-Artikolu 382A(3) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti spjegat lill-imputata bi kliem ċar il-kondizzjonijiet imposti fuqha bl-Ordni ta' Trażżin maħruġ fil-konfront tagħha kif ukoll ir-responsabilità tagħha f'każ li tikser xi waħda jew iktar mill-kondizzjonijiet ta' tali Ordni ta' Trażżin, u cioè f'tali eventwalità tista' tiġi ikkundannata għal multa ta' sebat elef Euro (€7,000) jew għal priġunerija ta' mhux iżjed minn sentejn jew għal tali multa u priġunerija flimkien.

Peress illi l-imputata già ħallset lill-vittmi l-valuri ta' l-oġġetti minnha lilhom misruqa, il-Qorti ma hijiex ser timponi iktar ordnijiet dwar risarċiment fil-konfront tagħha u peress illi f'dawn il-proċeduri ma ġewx nominati Esperti u/jew Periti, il-Qorti tastjeni milli tieħu konjizzjoni tat-talba tal-Prosekuzzjoni ai termini ta' l-Artikolu 533 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta.

**MAĠISTRAT**

**DEPUTAT REĠISTRATUR**